# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 2/2014**

**RACHEL DEGIORGIO**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tal-24 ta' Jannar 2014, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*'Deher J. Chircop ghad-Direttur*

*Meta ssejjah l-appell, deher l-appellant assistit minn Nutar Dr. J. Masini Vento.*

*Deher ir-rapprezentant tad-Dipartiment.*

*Deher G. Cremona, ex-Spettur tad-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji u spjega li huwa kien l-Ispettur fl-investigazzjoni li kienet saret*

*f'Settembru, 2007. Huwa esebixxa kopja tar-rapport li minnu jidher li marru gl-istess fond cioe' 12, Triq San Pietru, Hal Qormi u dan wara rapport li kien sar, li l-istess appellanti kienet qed tghix ma' ragel iehor. Is-Sur Cremona stqarr li minn din l-investigazzjoni ma rrizulta xejn.*

*Id-difensur tal-appellanti pprezenta dokument tal-istess dipartiment li minnu jidher li fil-perjodu bejn l-1 ta' Gunju, 2009 u l-1 ta' Lulju, 2011 Reuter Degiorgio ma kienx impjegat.*

*L-appellanti tiddikjara li t-tfal illum ghandhom; Reuter wiehed u ghoxrin sena, Roxanne dsatax il-sena, u Ryan sbatax il-sena u li huma spiss imorru ghand missierhom u ghalhekk il-hwejjeg taghhom igorruhom maghhom.*

*L-arbitru josserva wkoll fin-nota tad-Dipartiment ta' Settembru, 2007 illi jidher illi kien hemm ukoll problemi dwar min jiehu hsieb it-tfal.*

*L-arbitru wara li ezamina d-dokumenti kollha hu tal-fehma li l-konkluzjonijiet tal-ahhar investigazzjoni m'hemmx bazi sufficjenti biex tiggustifika d-decizjoni tad-Dipartiment u dan fid-dawl ta' dokumenti li rrizulta mill-prova li tressqu f'dak li gara qabel.*

*Ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh.'*

Illi minn din is-sentenza appella id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali bl-aggravju illi l-Arbitru ma mexiex *rite u recte* fit-tfassil tad-deċiżjoni tiegħu, għamel apprezament ħażin tal-liġi u tal-provi prodotti quddiemu u ma hemmx raġunijiet validi sabiex l-Arbitru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tiegħu.

Illi mill-fatti li jemergu mill-atti probatorji jirriżulta illi l-appellata Rachel Degiorgio applikat għall-Għajnuna Soċjali fi żmien meta hija kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni mar-raġel tagħha. Hija iddikjarat illi kienet il-kap tal-familja u li kienet qiegħda toqgħod fil-fond numru 12, Triq San Pietru, Ħal Qormi flimkien mat-tliet uliedha u mal-ġenituri tagħha.

Illi d-Direttur tal-Frodi u Investigazzjoni ġie infurmat mill-ex raġel tal-appellata illi hija ma kenitx qiegħda tgħix fl-indirizz mogħti minnha iżda kienet tgħix f'numru 31, Triq ir-Rgħajja, Ħal Qormi, ma' certu Joseph Fenech.

Illi saret investigazzjoni fl-4 ta' Settembru 2007 u irriżulta illi l-appellata ma kenitx qiegħda tikser xi kondizzjoni għall-għoti ta' benefiċċju u għaldaqstant hija kompliet tibbenefika minn din l-għajnuna.

Illi saret investigazzjoni oħra fit-23 ta' Frar 2010 mid-Direttor tal-Frodi u Investigazzjonijiet u mill-konkluzjonijiet milhuqa f'din l-investigazzjoni, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ma kienx sodisfatt illi l-appellata kienet qed tifforma familja għar-rasha u/jew tabita fl-indirizz numru 12, Triq San Pietru, Ħal Qormi. B'hekk ġie deċiż illi hija ma għadhiex aktar intitolata għal previdenza socjali. Rachel Degiorgio appellat minn din id-deċiżjoni, u l-Arbitru laqa' l-appell taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>L-ewwel investigazzjoni (rapport fol 15)</u>**

Fl-ewwel investigazzjoni li saret mill-Ispetturi wara rapport li rċieva id-dipartiment mill-ex raġel tal-benefiċċjarja, saru tliet żjarat fl-indirizz mogħti mill-benefiċċjarja. Fl-ewwel żjara, missier il-benefiċċjarja kien informa lill-ispetturi li bintu ma kenitx torqod hemm u li t-tfal tagħha kienu jorqdu ma' missierhom. Fit-tieni żjara, missier il-benefiċċjarja informa lill-ispetturi illi din

kienet ħarġet. Fit-tielet żjara, l-ispetturi sabu lill-benefiċċjarja li uriethom fejn kienet torqod hi u t-tfal meta kienu ikunu fil-kustodja tagħha.

Illi wara dan ir-rapport ġie konkluż illi l-benefiċċjarja kienet intitolata għall-għajnuna.

**<u>It-tieni investigazzjoni ( rapport fol 21)</u>**

Din hija l-investigazzjoni relevanti għall-kawża odjerna. Din saret fis-sebgħa nieqes għaxra ta' filgħodu, u l-appellata f'dak il-ħin, ma kenitx id-dar. Il-missier stqarr illi bintu tgħix hemm u qal illi ta' kultant kienu jorqdu hemm ulied il-benefiċċjarja Roxanne u Ryan. Huwa stqarr illi t-tifel il-kbir, Reuter, kien jgħix permanentament ma' missieru. Ammetta illi fir-residenza ma kienx hemm ħwejjeġ ta' Rachel Degiorgio u ta' uliedha. Jingħad illi l-investigaturi ikkonstataw illi ma kienx hemm post allokat lill-benefiċċjarja ghall-irqad, u l-missier iddikjara illi hija kienet torqod fuq *corner sofa*.

> *Issa din il-Qorti, kif ghandu jirrizulta minn bosta decizjonijiet taghha, minn dejjem tendiet biex thares l-interessi tal-kollettivita` u tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha li, fis-socjeta`, igorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet socjali fejn il-kaz specifiku hekk kien jissuggerilha b'gustizzja li ghandha taghmel. Ara ad ezempju "***Anthony Chetcuti et -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali***", 19 ta' Mejju, 2004 u "***Mary Borg -vs-Direttur tas-Sigurta` Socjali***", 23 ta' Frar, 2005 fost hafna ohrajn[1]."*

Inghad ukoll fid-decizjoni **Dimech Diane Vs Direttur Sigurta' Socjali (Appell Inferjuri 06/10/2010):**

---

[1] Muscat Jesmond Vs Direttur Sigurta' Socjali (Appell Inferjuri 06/10/2010

*Ovvjament, huwa ferm logiku illi ma jistax jonqos li jkun issenjalat illi, ghal min irid jiggudika, bosta jiddependi fuq il-valur u l-kredibilita` tal-provi. Dan ghaliex fl-ezercizzju jassumu importanza qawwija l-gudizzju tal-verosimiljanza u ta' l-attendibilita` ta' dawk l-istess provi. Ara "***Marcelle Tanti -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali***", Appell, 9 ta' Mejju, 2007*

Tenut kont tal-kontenut indizzjarju li jinzel mill-elementi tar-rapport a fol 21 tal-atti, il-konvinciment ta' din il-Qorti ma jistax jikkorrispondi ghal dak tal-Arbitru. Dan ghall-motiv illi l-provi, rettament valutati, ma jistghux hlief jinducu ghall-konkluzjoni unika illi tabilhaqq, fic-cirkustanzi tal-kaz, il-benefiċċjarja ma setghetx titqies li kienet tgħix ma' uliedha fl-indirizz iddikjarat minnha. Minkejja illi missier il-benefiċċjarja stqarr illi f'dak l-indirizz kienet tgħix il-benefiċċjarja, jingħad dan li ġej. Huwa possibbli li l-benefiċċjarja kienet torqod fuq *corner sofa*, pero huwa suspettuż ħafna l-fatt illi l-missier iddikjara illi ma kienx hemm ħwejjeġ tagħha. Imbagħad skond l-Ispetturi Investigattivi, il-ftit ħwejjeġ feminili u bjankeriji li nstabu fuq indikazzjoni ta' omm il-benefiċċjarja setgħu kienu kemm ta' omm il-benefiċċjarja kif ukoll tal-benefiċċjarja, in vista tal-istil u d-daqs tagħhom.

Inoltre mill-istqarrija ta' missier il-benefiċċjarja stess, tnejn mit-tliet ulied tal-benefiċċjarja ma kienux jirrisjedu hemm u kien ta' kultant li kienu jorqdu magħha. It-tifel l-ieħor kien jgħix b'mod permanenti mal-missier. Jirriżulta illi l-benefiċċjarja ma informatx lid-Dipartiment illi uliedha ma kienux joqogħdu magħha, u dan minkejja illi bħala benefiċċjarja Rachel Degiorgio kellha l-obbligu illi tinforma lid-Dipartiment dwar kwalunkwe tibdil li jkunu seħħu fiċ-ċirkostanzi ta' ħajjitha

B'hekk jingħad illi l-Arbitru ma setax jasal għall-konklużjoni minnu raggunta fid-decizjoni tieghu in vista taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Arbitru u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur datata 25 ta' Mejju 2010.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur